MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 916/2005

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Dr Josef Grech**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta’ attrici li bih il-Bank attur wara li ppremetta:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 27 ta' Gunju 2003 (Dok "A"), in atti Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, is-socjeta' attrici ikkoncediet facilita' bankarja lil konvenut Dr. Josef Grech;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Dr. Josef Grech fis-somma ta' wiehed u erbghin elf, disa' mija u erbgha u ghoxrin Liri Maltin u seba' centezmi (Lm41,924.07) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta'

Dr. Josef Grech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B", "C", "D", "E") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-9 ta' Settembru 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datat 27 ta' Gunju 2003 fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Dr. Josef Grech (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut Dr. Josef Grech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Illi l-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Lulju, 2005 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "F", sabiex ihallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqgha inadampjenti,

Illi ghalghekk l-istess socjeta` attrici tablet li l-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Dr. Josef Grech (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut Dr. Josef Grech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

(2) Tikkundanna lil Dr. Josef Grech ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u erbghin elf, disa' mija u erbgha u ghoxrin Liri Maltin u seba' centezmi

(Lm41,924.07) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Dr. Josef Grech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B", "C", "D", "E") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-9 ta' Settembru 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Lulju 2005 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tal-konvenut prezentata *seduta stante* fis-seduta tallum li biha ammetta t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw ippruvati.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenut permezz ta' nota tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tal-Bank attur** kif dedotti fic-citazzjoni b'dan illi:

(1) Tiddikjara illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Dr. Josef Grech (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut Dr. Josef Grech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

(2) Tikkundanna lil Dr. Josef Grech ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u erbghin elf, disa' mija u erbgha u ghoxrin Liri Maltin u seba' centezmi (Lm41,924.07) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Dr. Josef Grech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B", "C",

"D", "E") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-9 ta' Settembru 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Lulju 2005 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------